# RAPPORT
# ANNWALI
# għas-sena 2023

## KAMRA TAN-NEGOZJU
## GĦAL GĦAWDEX

# Indiċi


1. Introduzzjoni ... 1
2. Laqgħat ... 2
3. Parteċipazzjoni ... 7
4. Rispons għal diversi Konsultazzjonijiet, u Dokumenti oħra ... 10
5. Laqgħat ta' Informazzjoni għall-Membri ... 11
6. *Youth4Entrepreneurship Gozo* ... 14
7. Proġetti b'Fondi Ewropej li fihom qed tipparteċipa l-Kamra, u Parteċipazzjoni ma' Entitajiet Oħra fuq Proġetti u Inizjattivi ta' Natura Internazzjonali ... 16
8. Ftehim ta' kollaborazzjoni ma' entitajiet oħra ... 16
9. Sotto Kumitat għall-Propjeta Immobiljari ... 17
10. L-Iżvilupp f'Għawdex ... 17
11. Is-Sostenibilta' fit-Trasport ... 18
12. INSULEUR ... 19
13. EUROPE DIRECT ... 23
14. Pjattaforma Diġitali u Użu tal-Midja Soċjali ... 29
15. Ringrazzjamenti ... 30

# 1. Introduzzjoni

Din Is-sena bħas-snin l-imgħoddija kienet sena impenjattiva ħafna. Il-Kamra b'konsistenza kompliet taħdem fuq temi importanti bħall-etika fin-negozju, l-ambjent, l-aċċessibilta', u l-intrapriża fost iż-żgħażagħ. Il-Kamra baqgħet tgħaddi l-messaġġ tagħha ukoll b'mod konsistenti u ċar fuq id-diffikultajiet li qed jaffaċċjaw mhux biss in-negozji Għawdxin imma wkoll is-soċjeta' Għawdxija, u resqet il-proposti tagħha fuq diversi livelli.

Il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex mhix biss għaqda li tiġbor in-negozji Għawdxin imma hija wkoll organizzazjoni komunitarja li għandha għal qalbha l-ġid komuni ta' Għawdex. U f'din l-ottika tidħol ukoll il-ħidma tal-Uffiċċju tal-EUROPE DIRECT fi ħdan il-Kamra, li jagħmel ħafna xogħol siewi fil-komunita'. Meta Malta kienet qed tipprepara lilha nnifsha għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea, il-Kamra kienet minn tal-ewwel li pprovat tagħti informazzjoni u ħolqot dibattitu fuq is-suġġett fuq livell reġjonali. Matul l-2024 il-Kamra se tkun qed tiċċelebra l-25 sena tagħha. Dan se jkun mument importanti li fih nirriflettu fuq il-ħidma tal-Kamra matul dan iż-żmien.

Il-ħidma tal-Kamra ma kienitx mifruxa biss fuq livell lokali. Fuq livell internazzjonali l-Kamra kompliet permezz tal-ħidma relatata mal-INSULEUR. Huwa mportanti li organizzazjonijiet reġjonali bħal Kamra jinvolvu ruħhom fuq livell internazzjonali speċjalment fuq livell Ewropew, peress li ħafna affarijiet li imbagħad jimpattawna fuq livell lokali jiġu diskussi hemmhekk. Hekk kif se jkunu qed isiru l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew matul l-2024 huwa importanti li nirriflettu wkoll fuq il-ħidma ta' din l-istituzzjoni.

## 2. Laqgħat

Il-laqgħat li saru matul is-sena kienu dwar temi u suġġetti differenti. Waqt li ċerti suġġetti ġew diskussi darba, oħrajn kienu jieħdu iktar fit-tul u d-diskussjonijiet fuqhom komplew matul is-sena kollha.

Fost dawn insibu rappreżentanti tal-Kunsill li ħadu sehem f'laqgħat ma' diversi Ministri, fosthom mal-Ministru għal Għawdex, ma' membri parlamentari, u uffiċċjali governattivi oħra. Ta' min isemmi dawn il-laqgħat:

- Fid-9 ta' Jannar Daniel Borg ipparteċipa fit-tnedija tal-Kampanja imħejjija mil-Ministeru għall-Ambjent, Enerġija u Intrapriża "Be-Efficient, Save Energy". L-iskop ta' din il-kampanja kien propjament li jżid l-għarfien fost in-negozji biex inaqqsu l-konsum tal-enerġija. Waqt l-intervent tiegħu Daniel Borg elenka wkoll ix-xogħol tal-Kamra f'dan il-qasam. Permezz tal-midja soċjali tagħha il-Kamra xerdet il-materjal kollu informattiv ta' din il-kampanja. Ġew ikkuntatjati wkoll uħud mil-membri tal-Kamra biex jagħtu l-esperjenza tan-negozji tagħhom f'dan il-qasam.

- Fil-25 ta' Jannar saret laqgħa ma' Dr Francis Fabri, *General Manager* tal-*ITS Training School*. F'din il-laqgħa il-Kamra ġiet infurmata dwar il-korsijiet offruti minn din l-iskola u l-mod ta' kif dawn jistgħu jgħinu l-intrapriża l-Għawdxija.

- Fil-15 ta' Frar saret laqgħa ma' James Calleja, Prinċipal tal-MCAST u Horace Laudi, *Policy Consultant* fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni. It-temi diskussi kienu jinkludu n-nuqqas ta' ħiliet bażiċi, u l-kontribut tal-MCAST f'Għawdex.

- Fis-17 ta' Frar saret laqgħa bejn l-MCAST, il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex u l-Awtorita' għall-Iżvilupp Reġjonali. F'din il-laqgħa ġiet diskussa inizjattiva simili għall-inizjattivi oħra li saru f'Malta, fejn id-diskussjoni ffokat fuq it-tip ta' ħaddiema li għandu bżonn Għawdex kemm preżentament kif ukoll fil-futur. Għal dan il-għan saru wkoll laqgħat preparatorji oħra fl-20 ta' Marzu, u l-4 ta' April.

- Fis-26 ta' Jannar saret laqgħa bejn il-Ministru għal Għawdex u rappreżentanti tal-Kamra li fiha ġiet diskussa il-kollaborazzjoni bejn il-Ministeru għal Għawdex u l-Kamra tan-Negozju għal Għawdex.

- Fit-28 ta' Frar saret laqgħa b'mod virtwali ma' Dr Jeannette Axisa mill-Fondazzjoni għat-Trasport rigward it-tieni laqgħa tas-*Sustainable Mobility Forum*.

- Fit-2 ta' Marzu rappreżentanti tal-Kamra ltaqgħu mal-Kummissarju Għoli tal-Indja għal Malta Ms Gangte fil-*Queen Mary University of London Malta Campus*. Matul din il-laqgħa ġew diskussi diversi temi ta' kooperazzjoni bejn iż-żewġ entitajiet.



- Fid-9 ta' Marzu saret laqgħa flimkien ma' rappreżentanti tal-GRDA biex tiġi diskussa l-possibilta' ta' kollaborazzjoni mar-reġjun ta' Korsika.

- Fl-10 ta' Marzu saret laqgħa ma' Francesco Grech uffiċċjal ta' Reġjun Għawdex dwar l-applikazzjoni tar-Reġjun Għawdex ma' l-*International Institute of Gastronomy, Culture, Arts and Tourism* (IGCAT), biex Għawdex jiġi nominat bħala Reġjun Ewropew tal-Gastronomija.

- Fit-13 ta' Marzu saret laqgħa ma' rappreżentanti tal-*Energy and Water Agency* (EWA). Wara din il-laqgħa ħames produtturi li jimmanifatturaw prodotti tal-ikel f'Għawdex iltaqgħu ma' rappreżentanti tal-aġenzija fl-uffiċċji tal-Kamra nhar it-18 ta' April. F'dawn il-laqgħat l-operaturi kellhom diskussjonijiet mar-rappreżentanti tal-EWA rigward kif jistgħu jiġu megħjuna sabiex japplikaw għal skemi provduti mill-istess aġenzija.

- Fit-23 ta' Marzu saret laqgħa ma' Gordon Barbara ta' Aġenzija Sapport. F'din il-laqgħa ġie diskuss ir-rwol ta' Aġenzija Sapport fil-komunita Għawdxija u kif il-Kamra tista' tgħin minn naħa tagħha sabiex tiżdied il-possibilita li persuni b' diżabilita' jsibu posthom fid-dinja tax-xogħol f' Għawdex.

- Fis-6 ta' April il-Kamra ipparteċipat f'laqgħa ma' Bob D' Haeseleer il-Konsulent tal-Proġett *Net Zero Cities*. Dan il-proġett qed jitmexxa mill-GRDA.

- Fit-12 ta' April Daniel Borg iltaqa' mal-Eċċellenza tiegħu Erdeniz San, ambaxxatur tat-Turkija. F'din il-laqgħa ġie diskuss l-investiment Tork f' pajjiżna, speċjalment fil-qasam tal-kostruzzjoni.

- Fid-19 ta' April, Daniel Borg u Jesmond Buttigieg iltaqgħu ma' Carmen Walls (*Trade Malta*) u Josephine Farrugia (*Malta Enterprise*). F'din il-laqgħa ġiet diskussa xi tfisser għan-negozji, l-*Osaka Expo* li ħa ssir fit-2025, u kif negozji Għawdxin jistgħu jieħdu sehem f'din l-Expo. L-espożizzjoni ddum għaddejja 6 xhur u jieħdu sehem madwar 150 pajjiż madwar id-dinja.

- Fil-25 ta' Mejju l-Kamra ppartecipat flimkien ma' *stakeholders* oħra f'laqgħa ta' informazzjoni minn *Infrastructure Malta* dwar it-triq tal-Marfa. Ivan Falzon, Kap Eżekuttiv ta' *Infrastructure Malta* ta preżentazzjoni ta' kif din l-entia' wasslet għall-ippjanar u t-tibdiliet f'din it-triq. Daniel Borg ikkummenta li l-pjanijiet kellhom jiġu diskussi qabel ma beda il-proġett u mhux wara.

- Fis-19 ta' Mejju Daniel Borg u Jesmond Buttigieg kellhom laqgħa ma' rappreżentanti ta' Aġenzija Sapport, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll dak lokali biex jiġi esplorat kif il-Kamra tista' tippromwovi aħjar in-nies b' diżabilita' fid-dinja tax-xogħol

- Fil-31 ta' Lulju saret laqgħa ma' dirġenti tal-MCAST f'Għawdex, fejn issemmew fost oħrajn diversi korsijiet li l-MCAST lesta li toffri f'suġġetti differenti anke fuq bażi *part-time*.

- Fit-2 ta' Awwissu saret laqgħa konsultattiva rigward l-istrateġija nazzjonali għall-edukazzjoni għal-perjodu 2024-2030. Fiha ġie spjegat kif l-istrateġija se tkun imsejsa fuq tliet pilastri li huma l-*wellbeing* tal-għalliema u tal-istudenti, il-kisbiet jew aħjar il-progress tal-istudenti, u l-inklużjoni.

- Fis-17 ta' Awwissu saret laqgħa ma' uffiċċjali tal-GRDA rigward il-*Business Sentiment Survey* imniedi mill-Kamra u li jsir darbtejn fis-sena. F'din il-laqgħa ġiet diskussa l-kollaborazzjoni bejn iż-żewġ entitajiet u l-metodoloġija li għandha tiġi użata.

- Fit-18 ta' Settembru saret laqgħa mad-diriġenti ta Jobsplus Għawdex fejn ġiet diskussa it-tnedija ta' skema ġdida bl-isem ta' "Investing in skills", fejn se tingħata opportunita' lil min iħaddem li jħarreġ lill-ħaddiema tiegħu jew dawk prospettivi.

- Fl-20 ta' Settembru saret laqgħa ma' Marita Portelli (*Malta Crafts Foundation*) rigward miżura proposta mil-Kamra għall-baġit, fuq is-settur tal-artiġjanat.

- Fit-23 ta' Settembru , il-Ministru għal Għawdex sejjaħ laqgħa ma' rappreżentanti tal-Kamra sabiex jiġu diskussi proposti ġodda għall-inċentivi fiskali fis-settur tal-propjeta' f' Għawdex.

- Fl-20 ta' Ottubru saret laqgħa ta' konsultazzjoni mmexxija minn Pierre Fenech Ċermen tal-Istitut għall-Istudji Turistiċi (ITS) fuq sistema ta' *skills card* għas-settur tat-turiżmu u l-ospitalita'. Din il-laqgħa saret fil-kampus tal-ITS f' Malta. Il-Kamra mbagħad attendiet għal-laqgħa oħra li saret f'Għawdex fit-12 ta' Diċembru.

- Fl-24 ta' Ottubru saret laqgħa preparatorja ma' rappreżentanti tal-GRDA u msieħba oħrajn rigward l-applikazzjoni tal-istess awtorita' għall-inizjattiva mnedija mill-Kumissjoni Ewropea "Clean Energy for EU Islands". Fis-26 ta' Ottubru saret laqgħa virtwali ma' Lucija Rakocevic u rappreżentanti tal-GRDA. Matul din il-laqgħa ġiet spjegata r-realta' ta' Għawdex, u għala Għawdex jenħtieġ din l-għajnuna.

- Fil-21 ta' Novembru l-Kamra ipparteċipat ukoll f'laqgħa ta' konsultazzjoni fuq l-iskema "Access to Employment" imħaddma minn *Jobsplus*.

Laqgħat oħra importanti kienu dawn:

- Fit-3 ta' Marzu saret laqgħa mal-Isqof ta' Għawdex l-Eċċellenza tiegħu Dun Anton Teuma. Il-laqgħa kienet titratta l-kollaborazzjoni fuq il-konferenza dwar l-Etika fin-Negozju. Fis-7 ta' Marzu saret laqgħa ma' Daniel Darmanin, koordinatur tal-Fundazzjoni *Centesimus Annus Pro Pontifice* rigward din l-istess tema.

- Fis-17 ta' Frar saret laqgħa ma' Josef Busuttil Direttur Ġenerali tal-*Malta Association of Credit Management*. Matul il-laqgħa ingħatat informazzjoni fuq din l-assoċjazzjoni u l-possibilta li fil-futur issir konferenza fuq *credit management* f'Għawdex.

- Fl-20 ta' Frar saret laqgħa ma' Fr Michael Galea Direttur ta' Dar Arka. Ġew esplorati mezzi kif il-Kamra u l-membri tagħha jistgħu jgħinu iktar lil din id-dar li toffri servizzi mportanti f'Għawdex fi ħdan id-diżabilta'.

- Fis-17 ta' Marzu saret laqgħa ma' rappreżentanti tal-BOV fuq is-suġġett ta' *Asset Management*. Ġie diskuss l-mod ta' kif iż-żewġ entitajiet jistgħu jikkolaboraw biex tingħata iktar informazzjoni lin-negozji sabiex ikunu jistgħu jiddiversifikaw iktar l-investimenti tagħhom.

- Fit-2 ta' Mejju Michael Galea u Daniel Borg iltaqgħu ma' Kenneth Farrugia, Kap Eżekuttiv ta' Bank of Valletta.

- Fil-11 ta' Mejju rappreżentanti tal-Kamra ltaqgħu ma' Caroline Gumble, Kap Eżekuttiv taċ-*Chartered Institute of Building*. Din il-laqgħa kienet organizzata mil-*Malta Chamber of Construction Management*. F'din il-laqgħa ġew diskussi l-aħħar żviluppi fl-industrija tal-kostruzzjoni, sostenibbiltà u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

- Fl-1 ta' Awwissu Daniel Borg attenda għall-iffirmar tal-ftehim bejn l-*RA & Sons* u kumpanija mil-Ghana. Fit-2 ta'Awwissu Daniel Borg u Jesmond Buttigieg kienu mistiedna għan-nom tal-Kamra sabiex flimkien ma mistiedna oħra, fosthom il-Ministru għal Għawdex Clint Camilleri, jiġu murija l-istabiliment ta *RA & Sons* ġewwa x-Xewkija.

- Fil-11 ta' Settembru Michael Galea u Jesmond Buttigieg attendew għal-laqgħa li fiha ġew spjegati l-miżuri ġodda taħt l-istrateġija l-ġdida tal-*Gozo Action Group Foundation*.

- Fis-7 ta' Novembru Daniel Borg u Jesmond Buttigieg żaru ċ-ċentru ta' *Maltapost* fejn setgħu jaraw b'għajnejhom ix-xogħol siewi li qed tagħmel din l-entita' fejn jidħol id-*document management services*.



- Fis-16 ta' Novembru saret laqgħa ma'Josef Cutajar rappreżentant ta' MZ investments dwar kollaborazzjoni bejn iż-żewġ entitajiet biex jiġi analizzat u propost kif negozji Għawdxin jistgħu jiġu iffaċilitati meta joħorġu l-ishma tagħhom fis-suq.

- Fil-21 ta' Novembru saret laqgħa ma' rappreżentanti tal-*MARE Summit* rigward dan l-avveniment. F'din il-laqgħa ngħataw suġġerimenti ta' kif dan l-avveniment jista' jitjieb.

- Fis-6 ta' Diċembru saret laqgħa ma' *AW Holding* rigward possibilita' ta' kollaborazzjoni biex kumpaniji Għawdxin jiġu infurmati fuq servizzi relatati ma' *credit management*.

- Fl-20 ta' Diċembru saret laqgħa ma' Naomi Mc Donald. F'din il-laqgħa ġiet diskussa l-koperazzjoni bejn il-*Queen Mary University of London* (QMUL) u l-Kamra.

Ir-rappreżentanti tal-Kamra attendew ukoll regolarment għall-laqgħat tal-MCESD; tal-*Gozo Regional Committee*; tal-*Gozo Action Group Foundation*; tal-*Malta Business Disability Forum*; tal-*Joint Stakeholders Working Committee*; tal-*Monitoring Committee Operational Programme 1* u *Operational Programme 2*; l-*Monitoring Committee Interreg Italy-Malta 2021-2027 programme*; l-*Enterprise Consultative* Council; l-GRDA; u l-Kumitat ta' Koordinazzjoni lejn Sostenibilita' tal-Iżvilupp Urban (COCOSUD).

F'dawn il-fora il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex dejjem sabet għajnuna siewja minn diversi uffiċjali f'dawn l-entitajiet filwaqt li dejjem wasslet il-messaġġ tagħha favur in-negozji Għawdxin u s-sitwazzjoni speċifika ta' Għawdex.

## 3. Parteċipazzjoni

Barra minn dawn il-laqgħat imsemmija, il-Kamra ħadet parti attiva f'diversi konferenzi, seminars u laqgħat ta' informazzjoni  u konsultazzjoni organizzati minn entitajiet oħra.

Fost dawn attendejna: il-*Gozo Tourism Awards* (19 ta' Jannar) organizzat mill-Assoċjazzjoni Għawdxija għat-Turiżmu; it-tnedija tal-Programmi Operattivi  2021-2027 li seħħet fl-MFCC Ta' Qali (23 ta' Jannar); laqgħa ta' aġġornament fuq ir-*Renovation of Private Sector Buildings Grant Scheme* (23 ta' Jannar); it-tnedija tal-*Mind the Gap Scheme* (25 ta' Jannar); il-laqgħa annwali tal-*Gozo NGO Association* (27 ta' Jannar); *Tourism 2022 A Steady Recovery, 2022 End of Year Results Business Event* (13 ta' Frar); it-tnedija tal-festival tal-letteratura 'Linja Ħamra' organizzat mil-Kunsill Reġjonali għal Għawdex (24 ta' Frar 2023); laqgħa fuq it-trasport pubbliku u l-mobilita' in ġenerali f'Għawdex (6 ta' Marzu); *Business Breakfast* li ddiskuta l-finanzjament Ewropew fuq *Alternative Fuel Infrastructure Facilities* (7 ta' Marzu); laqgħa tan-negozjanti mal-Isqof ta' Għawdex l-Eċċellenza tiegħu Dun Anton Teuma (10 ta' Marzu); tlett seminars organizzati mill-GRDA fi ħdan ta' proġett li qed isir f'kollaborazzjoni ma' gżejjer oħra fi ħdan l-assoċjazzjoni SMILO li trattaw temi bħall-ilma u l-biedja (21-23 ta' Marzu); viżta flimkien ma' *stakeholders* oħrajn fil-*Gozo Aquatic Centre* (6 ta' April); konferenza rigward it-turiżmu organizzata mill-GRDA (14 ta' April); it-tnedija tar-rapport annwali tal-Bank Ċentrali ta' Malta (20 ta' April); preżentazzjoni tar-rapport annwali tal-Bank Malti għall-Iżvilupp (3 ta' Mejju); *workshop* organizzat mir-Reġjun Għawdex li spjega l-applikazzjoni tal-Kunsill Reġjonali biex jiġi nominat bħala reġjun tal-gastronomija għas-sena 2026 (20 ta' Mejju); avveniment organizzat minn RA & Sonds dwar is-settur tal-kostruzzjoni (7 ta' Ġunju); *Focus Group* dwar *bullying* fuq il-post tax-xogħol f'Għawdex (10 ta' Ġunju); *Business Breakfast* organizzat mill-Partit Laburista dwar il-ħidma tal-Membri Parlamentari Ewropej (19 ta' Ġunju); it-tnedija tal-proċess ta' konsultazzjoni tal-*Victoria Urban Regeneration Project* minn naħa tal-GRDA (25 ta' Ġunju); laqgħa konsultattiva rigward l-istrateġija għall-iżvilupp lokali li tagħmel parti mill-programm LEADER 2023-2027 organizzatha mill-GAGF 2023-2027 (8 ta' Awwissu); it-tnedija tal-istrateġija l-ġdida għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Għawdex (15 ta' Settembru); attivita' organizzatha mill-Assoċjazzjoni Għawdxija għat-Turiżmu fl-okkażżjoni tal-*World Tourism Day* (27 ta' Settembru); Il-konferenza annwali tal-*Mental Health Association* bit-tema "Happiness" (20 ta' Otttubru);  Kkonferenza organizzata  mil-MCAST bit-tema "Quality Apprenticeships.

Are we there?" (14 ta' Novembru); u preżentazzjoni tal-*Global Index Report* ta' Għawdex mill-Osservatorju *Greening the Islands* (14 ta' Novembru).

Membri tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex ipparteċipaw ukoll fi gruppi konsultattivi organizzati mill-GRDA (*GRDA Stakeholder Consultative Groups*).

Fil-25 ta' Jannar Daniel Borg intervjena fil-webinar "Employment and Skills. The Gozitan Perspective" organizzat mill-GRDA. Dan il-webinar iddiskuta *paper* li ġiet ippublikatha mill-GRDA fuq il-qasam tax-xogħol f'Għawdex. Daniel Borg irrimarka kif: (a) f'Għawdex hawn il-periklu li wieħed jaqa' f'dik li hi msejħa "low skills equilibrium trap" u x'jista' jkun li qed iwassal għal din is-sitwazzjoni; (b) l-*location quotient* li juri li Għawdex għandu speċjalizzazzjoni fl-agrikultura u s-sajd, il-kostruzzjoni, l-propjeta immobiljari u l-amministrazzjoni pubblika, u għalhekk il-ħtieġa tad-diversifikazzjoni; (c) ir-rata ta' inattivita' f'Għawdex li għalkemm kompliet titjieb għadha waħda għolja; (d) il-kwalita' ta' xogħol li hawn Għawdex; u (e) id-dipendenza żejda fuq ċerti setturi bħal amministrazzjoni pubblika, l-kostruzzjoni u l-propjeta immobiljari.

Fis-27 ta' Marzu Daniel Borg kien kelliem waqt konferenza internazzjonali organizzata mil-*Union for the Mediterranean* fuq "Regional Integration and Value Chain Transition". Daniel Borg ħa lil Għawdex bħala *case study* minn aspett reġjonali u semma b'mod speċjali kemm huwa mportanti li wieħed jara t-trasport f'Għawdex b'mod ħolistiku, mhux biss f'Għawdex imma wkoll f'Malta.

Fit-28 ta' Marzu Daniel Borg ipparteċipa waqt *panel* ta' diskussjoni li sar bħala parti mill-konferenza finali tal-proġett *Wellbeing from Nature* organizzata mil-*Gozo Action Group Foundation*. Daniel Borg tkellem dwar l-importanza tad-*digital marketing* u l-ħidma tal-Kamra tan-Negozju fl-aspett tad-diġitalizzazzjoni.



Fis-19 ta' April Daniel Borg ta preżentazzjoni rigward il-qagħda ekonomika f'Għawdex lil studenti Taljani li kienu jinsabu fil-gzejjer tagħna sabiex jitħarrġu fil-lingwa Ingliża.

Fit-22 ta' April Daniel Borg u Jan Luca Gatt taw preżentazzjoni fiċ-Ċentru tal-Univerżita

ta' Għawdex dwar l-Industrija f'Għawdex lil grupp ta' studenti li jsegwu studji dwar it-turiżmu fil-gżejjer bħala parti mill-kors tagħhom ta' *undergraduate* fi ħdan l-Istitut għat-Turiżmu, l-Ivvjaġġar u l-Kultura fl-Università. ta' Malta.



Fis-27 ta' April Daniel Borg u Joseph Borg  kienu kelliema waqt *business breakfast* organizzat mill-Partit Nazzjonalista fl-okkażżjoni ta' Jum il-Ħaddiem.

Fit-18 ta' Mejju l-Kap Eżekuttiv tal-Kamra Daniel Borg tkellem rigward l-iżvilupp soċjo-ekonomiku f'Għawdex waqt avveniment imtella mil-MCAST f' Għawdex bit-tema "ENCOUNTER: MCAST meets Industry – Employment and Skills in Gozo". Dan ġie organizzat mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ fi ħdan l-MCAST, l-*MCAST Gozo Campus*, l-GRDA u l-Kamra tan-Negozju għal Għawdex. Fl-intervent tiegħu Daniel Borg sostna li l-Għawdxi, dejjem ta kontribut sinjifikanti meta ġie mogħti r-responsabbiltà li jagħmel il-parti tiegħu.

Fit-13 ta' Lulju Daniel Borg kien wieħed mill-kelliema waqt laqgħa li saret fil-Parlament Malti rigward "Ir-Rata Baxxa tat-Twelid f'Malta – Sfida Eżisentzjali" organizzata mil-*Malta Employers Association*.  Iċ-ċokon ta' pajjiżna u d-densita' tal-popolazzjoni jħallu impatt fuq is-soċjeta Maltija, kemm mill-aspett ekonomiku, kif ukoll minn dak tal-kwalita' tal-ħajja.  Daniel Borg iffoka fuq l-iżvilupp ġewwa Għawdex u għamel riflessjoni rigward niċeċ ġodda li jridu jiġu ikkrejati.

Fit-8 ta' Novembru Daniel Borg ħa sehem f'*panel* ta' diskussjoni f'konferenza organizzata mir-Rappreżentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea hawn f'Malta bit-tema "Implementation of the Recovery and the Resilience Plan in Malta: Achievements and Challenges". Hu semma il-ħtieġa ta' analiżi reġjonali biex ikunu jistgħu jiġi fformulati skemi li verament jindirizzaw il-ħtiġijiet tagħhom. Fil-kuntest tal-pjan ta' Rkupru u Reżiljenza, hu kkummenta dwar il-ħtieġa li naraw l-istampa kollha.  Filwaqt li l-assistenza li qed tiġi mogħtija taħt dan il-pjan hija waħda tajba, fejn qed tgħin lil Għawdex biex jaqleb għall-mobilita' elettrika, dan l-iżvilupp għandu jimxi pass pass mal-investiment fl-infrastruttura tal-enerġija f'Għawdex. Hu kkonkluda billi qal li l-għajnuna li qed tiġi mogħtija taħt il-pjan ta' Rkupru u Reżiljenza toffri opportunitajiet importanti biex Għawdex jilħaq il-miri tiegħu li jsir *carbon neutral* sal-2030.

# 4. Rispons għal diversi Konsultazzjonijiet, u Dokumenti oħra

Matul l-2023 il-Kamra kienet attiva ħafna biex tagħti r-rispons tagħha fuq  diversi konsultazzjonijiet maħruġa mill-Gvern, u mill-Kummisjoni Ewropeja. Ġew ifformulati dawn id-dokumenti li uħud ġew ukoll ippublikati fuq is-sit elettroniku tal-Kamra:

- F'Marzu l-Kamra ippublikat ir-riżultati tal-*Bi Annual Business Sentiment Survey*. Matul din is-sena saru laqgħat mal-GRDA li fiha ġiet stabbilita metodoloġija li se tkun qed tiġi segwita fis-snin li ġejjin.




- Fid-29 ta' Awwissu il-Kamra ippublikat u tat ir-rispons tagħha dwar l-istrateġija proposta mill-*Gozo Action Group Foundation* għall-iżvilupp lokali bħala parti mill-programm LEADER 2023-2027.

- Fl-1 ta' Settembru il-Kamra ippublikat u tat r-rispons tagħha dwar il-*Victoria Urban Upgrade Project* wara li kien tnieda proċess ta' konsultazzjoni minn naħa tal-GRDA.

- F' Awwissu l-Kamra ippublikat id-dokument tagħha tal-Baġit intitolat "A Budget for all". Il-proposti mresqa mill-Kamra kienu jitrattaw: inċentivi fiskali għas-settur tal-propjeta; inċentivi li jiffaċilitaw lin-negozjanti biex ikunu jistgħu jkabbru n-negozju tagħhom f'Għawdex ukoll; u proġetti infrastrutturali meħtieġa għal Għawdex.




- Fis-16 ta' Novembru il-Kamra tat ir-rispons tagħha rigward konsultazzjoni mnedija dwar sistema li tiċċertifika l-ħiliet fis-settur turistiku.

# 5. Laqgħat / Informazzjoni għall-Membri

Il-Kamra baqgħet iżżomm lil-membri tagħha infurmati billi kontinwament tgħaddilhom tagħrif li tirċievi regolarment.

Barra minn hekk, matul is-sena ġew organizzati diversi laqgħat ta' informazzjoni.  Dawn kienu organizzati flimkien ma' diversi Ministeri u entitajiet oħra pubbliċi kif ukoll mal-*isponsor* tal-Kamra l-*Bank of Valletta*, flimkien ukoll ma' entitajiet oħra li qed jikkolaboraw mal-Kamra.  Il-Laqgħat organizzati kienu:

- **ESG for Business.** Fit-3 ta' Marzu sar webinar fuq il-kriterji tal-*Environmental, Social and Governance* (ESG) u kif dawn se jaffetwaw lin-negozju.  Il-kelliema prinċipali kienu Clint Azzopardi Flores (Kap tad-Dipartiment tal-ESG fi ħdan il-*Bank of Valletta*) u Mark Scicluna Bartoli (*Head Product Management and Development Business Banking* fi ħdan il-*Bank of Valletta*).




- **The role of Data Analytics in Business Organisations:** Dan il-webinar sar fit-30 ta' Marzu 2023 bil-kollaborazzjoni tal-uffiċċju tal-EUROPE DIRECT fi ħdan il-Kamra. Wieħed mill-iskopijiet ta' dan il-webinar kien li jgħarraf in-negozji bl-importanza ta' data analytics u kif wieħed jista' jużaha biex itejjeb il-*performance* tan-negozju tiegħu.




- **Il-Bilanċ Bejn ix-Xogħol u l-Ħajja.** Fil-21 ta' April sar seminar f'Dar Arka f'kollaborazzjoni mal-Uffiċċju tal-EUROPE DIRECT fi ħdan il-Kamra. Is-seminar ittratta : (a) l-importantza li nżommu l-bilanċ bejn ix-xogħol u d-diversi aspetti l-oħra tal-ħajja; u (b) x'nistgħu nagħmlu biex nilħqu dan il-bilanċ lejn it-triq tal-*wellbeing* ta' kull wieħed u waħda minnha. Il-kelliem prinċipali għal dan is-seminar kien Dr Nicholas Briffa.






- **Putting Corporate Social Responsiblity into Practice.** Din il-konferenza li seħħet fis-27 ta' Ottubru ġiet organizzata mill-Kamra tan-Negozju għal Għawdex b'kollaborazzjoni mal-Fundazzjoni *Centesimus Annus Pro Pontifice*, il-*Bank of Valletta*, u d-*Djoċesi ta' Għawdex*. Din il-konferenza saret b'mod *hybrid* mis-Seminarju Maġġuri fir-Rabat Għawdex. Il-kelliema prinċipali kienet Marisa Xuereb, eks president tal-Kamra tal-Kummerċ ta' Malta. Intwerew żewġ vidjows dwar il-Fundazzjoni Arka u l-Fundazzjoni Oasi u kif in-negozji qed jgħinu lil dawn iż-żewġ entitajiet. Wara kien hemm diskussjoni minn *panel* magħmul minn Dr Gordon Cordina Ċermen tal-Bank of Valletta; Godfrey Swain, membru tal-bord tal-*Bank of Valletta*, u Paul Curmi, Kap tad-*Document Management Services* tal-Maltapost. L-avveniment tmexxa minn Fiorella Pace. Din il-konferenza ġiet imxandra fuq diversi pjattaformi tal-midja soċjali.




Kull attività organizzata mill-Kamra ġiet milqgħuha tajjeb mill-komunità kummerċjali u anke mill-komunita' Għawdxija in ġenerali.

Ta' min jinnota li l-Kamra ma talbet l-ebda ħlas jew rekwiżit li wieħed ikun membru tal-organizzazjoni biex jippartеċipa f'dawn is-*seminars* jew *webinars*. Dan minħabba l-fatt li l-Kamra temmen li għandha tassisti lill-komunita kummerċjali u lill-komunita' Għawdxija in ġenerali, biex tkabbar l-għarfien fuq numru ta' aspetti kummerċjali u soċjali li huma ta' benefiċċju għal kulħadd.








## 6. Youth4Entrepreneurship Gozo




Għal dan l-avveniment li sar fis-17 ta’ Novembru, il-Kamra ikkollaborat mal-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Negozji Żgħar, bħala parti mill-attivitajiet tal-*SME week*, kif ukoll mal-uffiċċju tal-EUROPE DIRECT fi ħdan l-istess Kamra, Bank of Valletta, Aġenzija Żgħażagħ, l-GRDA, u l-*JA Malta Foundation*. It-tema prinċipali ta’ din is-sena kienet il-kreazzjoni ta’ spazji għaż-żgħażagħ.

Fis-7 ta’ Frar, u l-14 ta’ Frar saru laqgħat preparatorji flimkien ma’ Aġenzija Żgħażagħ.. L-edizzjoni ta’ din is-sena tħabbret waqt webinar li sar fis-16 ta’ Ġunju bil-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ stess li iddiskutew din it-tema.




Fit-2 ta' Settembru sar seminar għall-parteċipanti. Is-sessjoni saret fl-uffiċċji ta' Aġenzija Żgħażagħ f'Għajnsielem. Fiha ngħataw preżentazzjonijiet minn Jennifer Cauchi (*Youth Worker* fi ħdan Aġenzija Żgħażagħ), Daniel Borg, u Matthew Caruana (JA Malta Foundation). Is-sessjoni ttrattat l-ippjanar, kif wieħed jagħmel il-preżentazzjoni/*pitch*, u kif ukoll l-aspett finanzjarju. Il-parteċipanti kellhom ukoll l-opportunita li jaħdmu fuq l-istess ideja. Waqt l-avveniment konklussiv li sar fis-17 ta' Novembru tlett gruppi ta' żgħażagħ bejn is-16 u l-35 sena kellhom l-opportunita li jippreżentaw ideja innovativa dwar spazju għaż-żgħażagħ f'Għawdex quddiem *panel* ta' esperti.

Għalkemm din l-attivita' għandha l-għan li tinkoraġixxi iktar żgħażagħ jaqbdu t-triq tan-negozju f'Għawdex stess, l-iskop ewlieni huwa li tgħin iż-żgħażagħ irabbu l-kunfidenza u l-abilita' neċessarja ħalli huma jesponu l-idejat tagħhom.

Ir-rebbieħa għal din is-sena kienu l-aħwa Daniel u Lara Sultana (ritratt xellug) bl-ideja tagħhom ta' *Study Cafe*. Il-Kamra se tkompli taħdem biex iż-żgħażagħ jingħataw l-għajnuna meħtieġa biex jiftħu l-intrapriża tagħhom f'Għawdex.





## 7. Proġetti b'Fondi Ewropej li fihom qed tipparteċipa l-Kamra, u Parteċipazzjoni ma' Entitajiet Oħra fuq Proġetti u Inizjattivi ta' Natura Internazzjonali



Din is-sena wkoll il-Kamra kompliet tipparteċipa fi proġett ieħor iffinanzjat minn fondi tal-Unjoni Ewropeja intitolat MAESHA (*deMonstration of smArt and flExible solutions for a decarboniSed energy future in Mayotte and other European islAnds*). Dan il-proġett beda fl-1 ta' Novembru tal-2020 u huwa parti minn Horizon 2020 li huwa l-programm ta' fondi marbuta mar-riċerka u l-innovazzjoni għall-perijodu 2014-2020. Permezz ta' dan il-proġett se jiġu studjati inizjattivi li għandhom x'jaqsmu mas-sostenibilta u kif dawn jistgħu jiġu mplimentati f'Għawdex. Matul din is-sena il-Kamra ipparteċipat fil-*project meetings* kollha li saru. Bejn l-10 u t-12 ta' Mejju Daniel Borg u Stephen Abela ipparteċipaw ukoll f'*Working Group Meeting* li sar f'Ateni fil-Greċja.

Matul l-2023 il-Kamra daħlet ukoll bħala 'partner' fuq proġett taħt il-programm Leader li se jkun immexxi mill-Kunsill Lokalita' San Lawrenz. Dan il-proġett ġie magħżul. L-iskop huwa li permezz ta' numru ta' inizjattivi iżidu t-turiżmu fix-xhur tax-xitwa fir-raħal ta' San Lawrenz permezz ta' attivitajiet kulturali.

## 8. Ftehim ta' kollaborazzjoni ma' entitajiet oħra

Fit-23 ta' Jannar ġie iffirmat ftehim ta' kollaborazzjoni mal-organizzaturi tal-MARE Summit. Permezz ta' dan il-ftehim il-Kamra ġiet rikonoxxuta bħala waħda mill-partners ta' MARE Summit. Din il-konferenza iddiskutiet il-propjeta immobiljari. F'din il-konferenza li saret bejn l-1 u t-2 ta' Ġunju l-Kamra ingħatat ukoll *stand* tagħha. Apparti minn hekk kemm il-President Joseph Borg, kif ukoll il-Kap Eżekuttiv Daniel Borg kienu parti minn *panels* ta' diskussjoni li kienu imqassma matul il-jumejn tas-*Summit*. Michael Galea, Viċi President kien ukoll moderatur f'waħda mid-diskussjonijiet.



Fit-30 ta' Settembru ġie ffirmat ftehim ta' kollaborazzjoni ma' *Weave Consulting Ltd.* Permezz ta' dan il-ftehim il-Kamra se tkun qed tikkollabora ma' din l-entita' biex jiġi organizzat avveniment li jiddiskuti il-kriterji tal-ESG u l-effett tad-Direttiva tal-*Corporate Sustainability Reporting Directive* fuq in-negozji żgħar u medji.

Il-Kamra kellha wkoll diskussjonijiet ma' *MZ Investment*, *AW Holdings* fuq possibiltajiet ta' kollaborazzjoni fis-setturi rispettivi tagħhom.

## 9. Sotto Kumitat għall-Propjeta Immobiljari



Fil-21 ta' Novembru rappreżentanti ta' dan is-sotto kumitat attendew għal laqgħa ta' konsultazzjoni rigward emendi fil-liġi li se jittresqu mir-*Real Estate Licensing Unit*.

Fil-15 ta' Diċembru saret ukoll laqgħa ta' dan il-kumitat. Wara din il- laqgħa ġew ifformulati numru ta' proposti li tressqu mill-Kamra rigward l-emendi fil-liġi li tirregola l-operaturi f'dan is-settur.

## 10. L-Iżvilupp f'Għawdex

Din hija tema li l-Kamra kompliet tiddiskuti f'diversi fora filwaqt li kompliet tagħmel proposti propożittivi li bihom tassigura li l-iżvilupp f'Għawdex ikun wieħed sostenibbli.

Il-Kamra għalhekk flimkien ma' entitajiet oħra issieħbet fil-Forum "Għal Għawdex" li jinkludi fost l-oħrajn l-għaqdiet ambjentali, ir-Reġjun Għawdex, u kif ukoll l-Assoċjazzjoni Għawdxija għat-Turiżmu.

Fl-24 ta' April il-President tal-Kamra Joseph Borg attenda għal żjara minn delegazzjoni ta' dan il-Forum lill-President ta' Malta.

Fil-5 ta' Mejju permezz ta' konferenza stampa ġie mniedi b'mod uffiċċjali dan il-Forum fejn saret ukoll preżentazzjoni tat-8 punti li dan il-Forum qed jipproponi.

Rappreżentanti tal-Forum kellhom ukoll diversi laqgħat importanti fosthom mal-Onorevoli Clint Camilleri Ministru għal Għawdex (23 ta' Mejju); l-MCESD (24 ta' Mejju); l-Onorevoli Clyde Caruana (Ministru għall-Finanzi (24 ta' Mejju); l-Onorevoli, Dr Stefan Zrinzo Azzopardi, Ministru responsabbli mill-Ippjanar (12 ta' Ġunju, 27 ta' Settembru); Mario Borg, Kap Eżekuttiv tal-GRDA (14 ta' Ġunju); Il-Prim Ministru, l-Onorevoli Dr Robert Abela u membri oħra tal-Kabinett (1 ta' Awwissu); il-Kap tal-Oppożizzjoni, Dr Bernard Grech (8 ta' Awwissu); Kurt Farrugia, Supretendent tal-Wirt Kulturali (31 ta' Awwissu); u l-Eċċellenza tagħha l-President Emeritu Marie Lousie Coleiro Preca (12 ta' Settembru).

## 11. Is-Sostenibilta' fit-Trasport

Matul l-2022 il-Kamra kienet ipparteċipat f'diversi laqgħat ta' informazzjoni u konsultazzjoni fuq is-sostenibilta' fit-trasport. Il-Kamra temmen bis-sħiħ li Għawdex jista' jilħaq il-miri ambjentali u jkollu impatt newtrali fuq il-klima, qabel Malta. Għal dan il-għan il-Kamra kienet ntalbet mill-Fundazzjoni għat-Trasport biex tiffaċilita id-diskussjoni f' Għawdex.



L-ewwel *Sustainable Mobility Forum* kien sar fil-25 ta' Novembru 2022. It-tieni Forum reġa' sar fl-4 ta' Mejju. Il-kelliema prinċipali għal din il-laqgħa kienu Rachel Galea mil-*Malta Public Transport*, li tkellmet dwar il-miri li jridu jintlaħqu mit-trasport pubbliku, u uffiċċjali tal-Protezzjoni Ċivili li tkellmu dwar is-sigurta' marbuta mal-vetturi elettriċi.

Minbarra hekk il-Kamra iffaċilitat ukoll laqgħa bejn id-Direttur tal-Fundazzjoni għat-Transport Dr Jeannette Axisa, u negozjanti Għawdxin li n-negozju tagħhom jiddependi ħafna fuq is-settur tat-transport. F'din il-laqgħa li seħħet nhar it-28 ta' Marzu

ġew diskussi diversi soluzzjonijiet li jistgħu jiffaċilitaw it-trasport tal-merkanzija bejn Għawdex u Malta.

Fid-9 ta' Mejju rappreżentanti tal-Kamra kellhom ukoll laqgħa fl-uffiċini tal-Kamra dwar is-*Sustainable Urban Logistic Plan*. F'din il-laqgħa ġiet diskussa primarjament l-infrastruttura ġewwa Għawdex u kif din tista' titjieb sabiex jikber l-użu tat-trasport pubbliku, biex finalment tonqos il-konġestjoni tat-traffiku li beda jinħass f'Għawdex ukoll.

## 12. INSULEUR

Għal sena oħra il-Kamra kellha l-presidenza tal-INSULEUR. Dan kien jorbot miegħu numru ta' impenji:

- ·Joseph Borg, Michael Galea u Daniel Borg ħadu sehem fil-*Greening The Islands Observatory Summit* li sar fil-Gran Canaria bejn l-1 u t-3 ta' Frar. Fl-ewwel ta' Frar saret żjara fl-Istitut *Tecnologico de Gran Canaria* li jaħdem f'diversi oqsma nkluż il-qasam biomediku u l-enerġija rinnovabbli. F'din l-ewwel ġurnata saru diskussjonijiet ukoll fuq kif għandhom jiġu strutturati u jaħdmu flimkien l-*Island Advisory Committee* u l-i*Strategic Advisory Committee* tal-Osservatorju. Dan kien *worskhop* li fih kemm Joseph Borg kif ukoll Daniel Borg tkellmu dwar diversi aspetti. Joseph Borg tkellem dwar l-importanza li kumpaniji lokali jkunu involuti sa mill-bidu fuq kull strateġija li tinvolvi s-sostenibilta'. Daniel Borg irrimarka kif dawn il-kumitati għandhom jiffokaw ukoll fuq kif se jinfluwenzaw il-politika fil-livelli rispettivi tagħhom.

  Fit-2 ta' Frar kien hemm parteċipazzjoni f'żewġ *workshops*, wieħed fuq il-politika u r-regolamentazzjoni, u t-tieni wieħed fuq metodi ta' iffinanzjar u l-infrastruttura pubblika. Fl-aħħar ta' dan is-*summit* sar workshop fuq it-turiżmu sostenibbli fil-parti ta' filgħodu u kmieni wara nofsinhar, filwaqt li filgħaxija ġew ippreżentati l-awards lil numru ta' inizjattivi favur is-sostenibilta. Il-proġett ta' Eko-Għawdex 'Med-Wet' ikklassifika fl-ewwel post. Joseph Borg kien ukoll fuq il-ġurija li assenjat dawn il-premijiet.

- Fl-20 ta' Frar 2023 Daniel Borg iltaqa' b'mod virtwali ma' Gianni Chianetta, Irene Mikelis u George Asonitis biex tiġi diskussa il-formazzjoni ta' grupp li jiddiskuti l-Ekonomija Ċirkulari. Dan il-grupp ġie iffurmat, u Joseph Borg qed jirrappreżenta l-INSULEUR fi ħdan dan il-kumitat.

- Fit-22 ta' Frar Daniel Borg (membru tal-kumitat tekniku ta' INSULEUR) u Joseph Borg (President) żaru il-Kamra tal-Kummerċ ta' Mallorca fejn iltaqgħu ma' Alicia Bueno, li hija wkoll membru tal-kumitat tekniku tal-INSULEUR, u Josep Lluis Aguilo Veny, it-tieni viċi ċermen tal-Kamra tal-Kummerċ ta' Mallorca. Joseph Borg u Daniel Borg spjegaw ix-xogħol u l-istruttura tal-Kamra.



- Fl-istess ġurnata Joseph Borg, u Daniel Borg irrappreżentaw lill-Kamra fl-Assembleja Ġenerali tal-*Islands Commission* fi ħdan is-CPMR, li saret fil-gżira ta' Mallorca. Joseph Borg ipparteċipa fis-sessjoni rigward l-enerġija u t-trasport. L-intervent ta' Joseph Borg kien jitratta il-miżura proposta minn naħa tal-Kummissjoni Ewropeja rigward it-tneħħija tal-eżenzjoni fit-taxxa tal-karburanti li jintużaw fis-settur marittimu u dak tal-avjazzjoni. Joseph Borg spjega kif it-tneħħija ta' din l-eżenzjoni se taffetwa ħażin lill-gżejjer li ma għandhomx mezzi oħra tat-trasport. Dan se jaffetwa b'mod ħażin lis-settur turistiku, li fuqu jiddependu l-maġġor parti tal-gżejjer, u kif ukoll se jgħolli l-prezzijiet meta wieħed jimporta kemm materjal u oġġetti oħra varji lejn il-gżejjer. Joseph Borg ippropona li minflok titneħħa l-eżenzjoni, jiġu investiti iktar fondi fuq riċerka biex jiġu żviluppati it-teknoloġiji u l-karburanti alternattivi f'dawn iż-żewġ setturi.

- Fil-21 ta' Marzu Daniel Borg u Joseph Borg attendew b'mod virtwali għall-Assembleja Ġenerali tal-INSULEUR.

- Fit-28 ta' Marzu Joseph Borg ipparteċipa f'laqgħa virtwali ma' membri affiljati ta' *Eurochambres*.

- Fit-13 ta' Mejju Daniel Borg iltaqa' f'Ateni ma' George Asonitis u Gianni Chianetta fejn ġie diskuss il-qafas li ħa jirregola l-Islands Companies Committee fi ħdan l-Osservatorju tal-Greening the Islands.

- Fit-22 ta' Ġunju Daniel Borg u Joseph Borg attendew għall-ewwel laqgħa tal-Islands Companies Committee fi ħdan l-Osservatorju tal-Greening the Islands. L-iskop ta' dan il-kumitat huwa li jinvolvi n-negozji fit-tranżizzjoni l-ħadra.

- Fis-27 ta' Ġunju Joseph Borg, Michael Galea u Jesmond Buttigieg ipparteċipaw f' Public Hearing fuq "Insularity and socio-economic development: The role of civil society in addressing the challenges that islands are facing" organizzat mill-European Economic and Social Committee (EESC). Fl-intervent tiegħu Joseph Borg tkellem rigward l-importanza tas-soċjeta ċivili




fil- gzejjer u l-funzjonijiet tagħhom. Semma ukoll l-isfidi prinċipali li qed jiltaqgħu magħhom il-gżejjer fosthom l-għoli tal-ħajja, u qal kif l-Unjoni Ewropeja għandha tkun flessibbli fejn jidħlu l-problemi li jiltaqgħu magħhom il-gżejjer.

- Fit-28 ta' Ġunju Joseph Borg, Michael Galea u Jesmond Buttigieg ipparteċipaw fl-Assembleja u l-Forum tal-INSULEUR. Fl-intervent tiegħu f'din il-laqgħa Joseph Borg ikkonferma l-effetivita' tax-xogħol li qed isir mill-INSULEUR għal benefiċċju tal-gżejjer fi ħdan l-Unjoni Ewropeja. Wara l-Assembleja sar workshop f'kollaborazzjoni mal-*European Economic and Social Committee* (EESC), s-*CPMR Islands Commission*, u l-*European Islands Federation*. F'dan il-*workshop* bit-titlu "Building an Evidence-based knowledge for European islands as a condition for a European Policy for Islands" il-kelliema iddiskutew l-bżonn li tinġabar statistika għall-gżejjer, u għalhekk għandu jinħoloq organu kompetenti fi ħdan l-istituzzjonijiet Ewropej.

- Fl-4 ta' Settembru Joseph Borg u Daniel Borg ipparteċipaw b'mod virtwali waqt laqgħa tal-Islands *Advisory Committee* u l-i*Strategy Scientific Committee* fi ħdan l-Osservatorju tal-Greening the Islands.

- Fis-7 ta' Settembru Joseph Borg u Daniel Borg ipparteċipaw b'mod virtwali għall-laqgħa tal-*Affiliated and Correspondent Members* fi ħdan *Eurochambres*. Joseph Borg għamel intervent rigward il-prospett ta' tkabbir fin-numru ta' pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea. Hu semma kif bħala gżejjer huma jħossu l-istess inċertezza, u li bħala INSULEUR jemmnu ħafna fl-inklusivita'.

- Bejn id-9 u t-12 ta' Ottubru, Joseph Borg, Daniel Borg, u Michael Galea attendew għal *European Week of the Regions and Cities*. Matul dawn il-ġranet huma attendew għal diversi laqgħat marbutin ma' temi differenti fosthom is-sigurezza tal-enerġija u l-ħiliet. Laqgħa importanti kienet dik li attendew nhar l-Erbgħa 11 ta' Ottubru li fiha intervenew kemm il-Ministru għal Għawdex, l-Onorevoli Clint Camilleri u l-Membru Parlamentari Ewropeja l-Onorevoli Dr Josianne Cutajar. Din is-sessjoni kellha t-titlu: "After the European Parliament's resolution on island regions: what's next?".



  Fl-10 ta' Ottubru saret laqgħa ma' Ben Butters, Kap Eżekuttiv ta' *Eurochambres*. Fl-istess ġurnata saret laqgħa mal-President tal-Kumitat tar-Reġjuni Vasco Alves Cordeiro, filwaqt li fil-11 ta' Ottubru saret laqgħa oħra mal-President tal-EESC Oliver Ropke. Fit-12 ta' Ottubru saret laqgħa mal - President tal-Ewropew Dr Roberta Metsola.



  Tema komuni għal dawn il-laqgħat kienet kif tista' tissaħħaħ il-kollaborazzjoni tal-INSULEUR ma' dawn l-istituzzzjonijiet. Fil-11 ta' Ottubru saret laqgħa mal-Membru Parlamentari Ewropeja Dr Josianne Cutajar li fiha ġie diskuss il-ħidma tagħha favur il-gżejjer.

- Bejn it-13 u il-15 ta' Novembru Michael Galea ipparteċipa fi Brussell fil-*European Parliament of Enterprises* u anke fl-Assembleja Ġenerali ta' *Eurochambres* fejn saru l-elezzjonijiet kemm għall-Bord tad-diretturi kif ukoll għall-kariga ta President u Viċi President.

- Bejn is-16 u s-17 ta' Novembru Joseph Borg ipparteċipa fl-Assembleja Ġenerali tas-CPMR, li saret f'Saint Malo, Franza. F'din il-laqgħa ġew diskussi l-isfidi li ġġib magħha l-insularita' tal-gzejjer kif ukoll t-triq il-quddiem fir-rigward tal-elezzjonijiet Ewropej tas-sena d-dieħla. Matul din il-laqgħa tħabbar ukoll li l-Assembleja Ġenerali li jmiss se ssir f'Għawdex.



- Bejn l-1 u t-2 ta' Diċembru Joseph Borg, Michael Galea, u Daniel Borg ipparteċipaw fl-Assembleja Ġenerali u l-Forum tal-INSULEUR li seħħew f'Ateni. L-Assembleja Ġenerali ġiet ippresjeduta minn Joseph Borg fejn ta wkoll rendikont tal-ħidma tal-Presidenza matul is-sitt xhur ta' qabel. Matul din il-laqgħa il-mandat tal-Presidenza ġie estiż sa' Ġunju tal-2024. Il-Forum indirizza l-impatt fuq l-ekonomija riżultat tat-tibdil fil-klima.

Minbarra l-attendenza fil-laqgħat, ix-xogħol tal-INSULEUR kien jirrikjedi wkoll diversi xogħol ta' korrispondenza, analiżi ta' dokumenti, u koordinazzjoni ta' diversi ħidmiet li lkoll tmexxew fi ħdan l-uffiċċju tal-istess Kamra.

## 13. EUROPE DIRECT

Matul is-sena 2023 saru l-attivitajiet kollha previsti mill-kuntratt u skont il-miri tal-Kummissjoni Ewropeja. Din kienet sena impenjattiva ħafna fejn matulha saru diversi attivitajiet, li impenjaw il-membri tal-uffiċċju kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

B'kollox saru dawn l-attivitajiet:

- Fil-21 ta' Frar waslet Malta delegazzjoni magħmula minn tlettax il-persuna minn EUROPE DIRECT Ireland. L-għada l-istess delegazzjoni żaret Għawdex fejn ġiet milqgħuha minn Jesmond Buttigieg Maniġer EUROPE DIRECT Gozo u minn Stephen Cini mid-Direttorat tal-Wirt Kulturali ta' Għawdex. Id-delegazzjoni kellha żjara kulturali ġewwa iċ-Ċittadella, fejn ġew murija r-rinnovar estensiv li sar, anke permezz tal-fondi Ewropej.

- Fit-30 ta' Marzu, ġie imtella' webinar bit-tema "The role of Data Analytics in Organisations" f'kollaborazzjoni mal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex, u *Bank of Valletta*. Il-kelliema f'dan il-webinar għan-nom kemm tal-Kamra kif ukoll ta' EUROPE DIRECT Gozo kienu Joseph Borg u Daniel Borg. Kelliema oħra kienu John Paul Cauchi mill-*Queen Mary University of London*, li tkellem rigward l-importanza tad-*Data Analytics* fil-qasam tas-saħħa u Lara Selvagi minn naħa tal-BOV li tkellmet ukoll rigward l-istess suġġett pero din id-darba fl-ambitu bankarju u kif bl-informazzjoni miġbura, ċertu deċiżjonijiet jittieħdu f'waqthom. Il-webinar kien immoderat minn Jesmond Buttigieg.

- Fit-21 ta' April, sar seminar f'kollaborazzjoni mal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex bit-tema "Il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja", ġewwa s-sala tal-Fundazzjoni Arka. F'dan is-seminar ħareġ biċ-ċar kif ċertu nies kemm fix-xogħol u kemm fin-negozju, qed isibuha diffiċli jirrikonċiljaw il-professjoni tagħhom mal-ħajja privata. Dan iwassal għal diffikultajiet serji anke fir-relazzjonijiet familjari. Il-kelliem prinċipali kien Dr Nicholas Briffa.

- Fil-25 ta' April, Daniel Borg u Jesmond Buttigieg ipparteċipaw f'attivita msejħa "Building Europe with Local Councils". L-għan prinċipali ta' din il-laqgħa kien sabiex il-kommunikazzjoni bejn l-entitajiet fl-Unjoni Ewropeja u l-i*stakeholders*, titjieb u tkun aktar konkreta. Daniel Borg tkellem rigward il-rwol ta' EUROPE DIRECT fis-soċjeta' Għawdxija.

- Fid-29 ta' April, EUROPE DIRECT Gozo tellgħet attivita ġewwa l-Villa Rundle fir-Rabat Għawdex relatata ma' *Europe Day*. Ħadu sehem diversi entitajiet li għandhom x'jaqsmu jew jirrapreżentaw l-Unjoni Ewropeja hawn f'Malta, jew li b'xi mod jikkolaboraw ma' EUROPE DIRECT Gozo fil-ħidma tiegħu. Dawn kienu jinkludu: Servizzi Ewropej f'Malta (SEM), *GLOBE Malta*; *Nature Trust – FEE Malta*; l-Entitlement Unit; il-European Union Programme Agency (EUPA) Malta; l-EUAA, l-aġenzija li qegħda stabbilita f'Malta, rigward l-ażilju fl-Unjoni Ewropeja; l-Uffiċċju ta' Kollegament tal-Parlament Ewropew f'Malta (EPLO); il-*European Consumer Centre* (ECC) Malta; kif ukoll ir-Rappreżentanza tal-Kummisjoni Ewropeja f'Malta tqassam diversi materjal ta' informazzjoni lill-pubbliku numeruż li attenda għal din l-attivita. Numru ta' studenti minn ħames skejjel Għawdxin tkellmu wkoll ma' dawk preżenti rigward studju li sar mill-istess skejjel bil-kollaborazzjoni mal-uffiċċju ta' EUROPE DIRECT, dwar il-kwalita' tal-arja u r-riżultati li ħarġu wara dan l-istudju


EUROPE DAY
in GOZO 2023
29 April
Villa Rundle Gardens, Victoria Gozo | 10:00 - 18:00




THE GLOBE PROGRAM








Nature Trust


SEM

- Fil-15 ta' Ġunju sar webinar sabiex jiġi mniedi il-*Youth4Entrepreneuship*. Matul il-webinar tkellmu Jesmond Buttigieg u Daniel Borg, kif ukoll diversi studenti li kienu se jieħdu sehem f'dan l-avveniment.

- F'laqgħa bl-isem ta "Engaging the European Public", Stephen Clark, Direttur tal-uffiċċji ta' Kollegament tal-Parlament Ewropew, tkellem rigward l-importanza li l-pubbliku Ewropew, iħossu parteċipi fid-deċiżjonijiet li jittieħdu fi Brussel. Semma kemm hu importanti li kulħadd jipparteċipa għall-elezzjonijiet li jmiss u jsemma' leħnu. Daniel Borg ipparteċipa wkoll f'*panel* ta' diskussjoni għan-nom ta' EUROPE DIRECT Gozo.

- Matul it-3 u is-7 ta' Lulju 2023 Daniel Borg, flimkien ma Jesmond Buttigieg, għamlu żjara f'Bornholm id-Danimarka. Kienu tliet ijiem intensivi ħafna, fejn b'kollox saru sitt laqgħat ma diversi entitajiet ġewwa Bornholm fil-qasam tat-turiżmu, enerġija nadifa, agrikoltura, u sports.

- Matul is-sajf l-uffiċċju tal-EUROPE DIRECT, flimkien ma' Servizzi Ewropej f'Malta taw ħames preżentazzjonijiet fi skejjel madwar Għawdex, bħala parti mill-inizjattiva ta' Skola Sajf.

- Fit-18 ta' Lulju saret laqgħa fis-sala tas-Sentinella ġewwa ċ-Cittadella flimkien ma Lorenzo Vella, il-Kap tar-Rappreżentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropeja f'Malta. Din il-laqgħa serviet ukoll bħala laqgħa tan-*Network of Networks*, fejn matul is-sena jiltaqgħu *stakeholders* minn sferi differenti sabiex jiddiskutu temi partikolari. F'din il-laqgħa kellna rappreżentanza, mill-Kummissjoni Ewropeja, mill-Istitut tal-*European Studies* ġewwa l-Univerżita' ta' Malta, SEM, EUROPE DIRECT Valletta, EUROPE DIRECT Core Platform, GRDA, GLOBE, *NatureTrust*, MCAST, Direttorat tal-Wirt Kulturali, u mill-Kamra tan-Negozju għal Għawdex. Matul il-laqgħa ġew diskussi suġġetti relatati ma fondi Ewropej u benefiċċji oħra li tista' tgawdi minnhom gzira bħal ma hi Għawdex, fejn għandu x'jaqsam konnettivita, aċċessibilita u trasport.

- Fit-22 ta' Settembru saret it-tieni laqgħa fi żmien xahrejn mal-Kap tar-Rappreżentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea hawn Malta Lorenzo Vella, fejn kien diskuss flimkien mal-kunsillieri ġewwa Għawdex u stakeholders oħra, d-diskors li kien sar mill-President tal-Kummissjoni Ewropeja, imsejjaħ 'State of the Union speech'. Għal din il-laqgħa kien hemm diskussjoni minn panel iffurmat minn: Noel Formosa, Sindku ta' San Lawrenz; Kevin Cauchi, Sindku ta' Għajnsielem; u Christian Zammit, *Senior Manager* tal-GRDA. Flimkien u mal-udjenza, iddiskutew diversi aspetti li għandhom x'jaqsmu mal-gzira Għawdxija.

- Fis-6 ta' Ottubru u kif isir bħal kull sena, EUROPE DIRECT Gozo kienu preżenti għal *Freshers' Week* li tiġi organizzata mis-6th Form. Ghal din l-okkażżjoni attendew Jesmond Buttigieg u Joanne Parnis. Okkażjoni unika fejn l-uffiċċjali jiltaqgħu mal-istudenti li jattendu fis-6th Form u jagħtu informazzjoni siewja rigward ix-xogħol li jsir kemm mill-uffiċċju tal-EUROPE DIRECT kif ukoll mil-Kamra tan-Negozju għal Għawdex. Tqassmu wkoll kotba lill-istudenti rigward l-Unjoni Ewropeja kif ukoll ingħataw informazzjoni rigward l-opportunatijiet li toffri l-istess Unjoni Ewropeja lil dawk kollha li jinteressahom jaħdmu fl-istituzzjonijiet Ewropej.




- Fit-13 ta' Ottubru, David Schembri mir-Rappreżentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropeja f'Malta, flimkien ma Jesmond Buttigieg żaru l-kulleġġ Sir MA Refalo fejn tkellmu ma studenti tas-*6th Form* rigward l-oppurtunitajiet li toffri l-Unjoni Ewropeja kemm bħala studju kif ukoll xogħol.

- Fl-24 ta' Novembru l-uffiċċju tal-EUROPE DIRECT flimkien mal-Uffiċċju ta' Kollegament tal-Parlament Ewropew (EPLO) hawn Malta organizza diskussjoni pubblika rigward kif l-isħubija fl-Unjoni Ewropeja, prinċipalment il-ħidma tal-Parlament Ewropew, qed tolqot direttament lil Għawdex u l-Għawdxin. Għalkemm Għawdex jinsab fil-periferija tal-Ewropa, kull deċiżjoni li tittieħed mill-Parlament Ewropew taffettwa direttament il-ħajja taċ-ċittadin Għawdxin. L-Onorevoli Dr. Roberta Metsola, President tal-Parlament Ewropew permezz ta' messaġġ irreġistrat u Dr Mario Sammut Kap ta' EPLO tkellmu rigward l-importanza tal-Unjoni Ewropeja għall-gżira bħal Għawdex, filwaqt li l-MEP Dr Josianne Cutajar, Dr George Vital Zammit, lettur anzjan fl-Universita' ta' Malta, Lorenzo Vella, Kap tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta, Daniel Sultana, student fis-*6th Form* u Haley Xuereb studenta Għawdxija fl-universita' ta Malta, taw l-opinjoni tagħhom f'diskussjoni interessanti ħafna, rigward il-relevanza tal-Unjoni Ewropeja għal Għawdex. Id-diskussjoni kienet moderata minn Dr Christian Zammit.






- Fl-1 ta' Diċembru, l-uffiċċju tal-EUROPE DIRECT b'kollaborazzjoni ma' *Nature Trust* Malta organizzaw is-7 edizzjoni tal-EUROPE DIRECT Gozo/Eco-Skola Award. Din is-sena ħadu sehem 8 skejjel minn Għawdex kemm dawk primarji kif ukoll sekondarji. Jesmond Buttigieg, Maniġer ta' EUROPE DIRECT; Vincent Attard, President Eżekuttiv ta *Nature Trust Malta*; Charmaine Borg Maniġer ta Bank of Valletta; u Mark Vella, Kap tal-Komunikazzjoni tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta, għamlu l-interventi tagħhom qabel tħabbru r-rebbieħa. Din is-sena l-iskejjel ħadmu fuq diversi proġetti b'laqta differenti bħal per eżempju l-ekonomija ċirkulari, il-kwalita tal-arja u l-ambjent ta' madwarna.

- Fil- 5 ta' Diċembru Daniel Borg ipparteċipa minn naħa ta' Europe Direct f'webinar organizzat minn *GLOBE Malta*, u li ddiskuta il-ħamrija u l-ħtieġa li nipproteġu l-eko sistemi tagħna. Il-kelliem prinċipali kien Yashraj Patil. Tkellem ukoll Stephen Mifsud mid-Direttorat ta' Eko Għawdex. L-intervent tiegħu kien jitratta propju l-ħitan tas-sejjieħ.

L-uffiċċju tal-EUROPE DIRECT ikkollabora wkoll mal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex fuq il-ħames' edizzjoni tal-*Youth4Entrepreneurship Gozo*.

Minbarra dawn l-attivitajiet l-uffiċċju tal-EUROPE DIRECT ipparteċipa f'diversi sessjonijiet ta' informazzjoni onlajn u anke b'mod fiżiku organizzati mill-istituzzjonijiet Ewropej, minbarra li jaqdi r-rwol tiegħu li jirrispondi kull tip ta' mistoqsija, relatata mal-Unjoni Ewropeja.

Ir-rwol tal-EUROPE DIRECT fi ħdan il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex juri l-impenn tal-Kamra għall-inizjattivi favur is-soċjeta Għawdxija.

## 14. Pjattaforma Diġitali u Użu tal-Midja Soċjali

Din is-sena tkompliet il-ħidma li nbdiet fl-2019 f'dik li hi l-pjattaforma diġitali u l-użu tal-midja soċjali. Il-Kamra qegħda preżenti fuq erba' pjattaformi soċjali: Facebook, Linkedin, Twitter, u Instagram. Fl-2021, ġiet imnedija il- paġna tal-Kamra ta' Instagram. F'sena ġew milħuqa 9 followers, ghal total ta' 131 follower fuq din il-pjattaforma soċjali, fejn b'kollox ġew imtellgħin 32 post. Instagram huwa l-midja soċjali li jużaw l-iktar iż-żgħażagħ. Għalhekk huwa importanti li l-Kamra tkun preżenti wkoll fuq din il-pjattaforma biex fuqha ssir il-promozzjoni ta' attivitajiet li jolqtu din il-kategorija.

Matul din is-sena nfatti kellna 76 likes ġodda fuq il-paġna tagħna ta' Facebook, kif ukoll in-numru ta' *engagements* mal-posts tagħna kienu ta' 3,255. *Engagement* ifisser li l-persuna tagħmel like, comment, jew share ta' kwalunkwe post li tittella' fuq il-Facebook tal-GBC. Matul din is-sena tellajna 175 post gdid fuq Facbeook. Bħala *Facebook Page Reach* kellna 50,032, tnaqqis ta 16.9% fuq l-2022. *Facebook Page Reach* tfisser kemm il-persuna żaru l-paġna tagħna. L-*Impressions*, jiġifieri d-drabi li l-kontenut tal-paġna tagħna deher fuq l-iscreen tal-persuni, kien ta' 192,627

# 15. Ringrazzjamenti

Il-Kamra tixtieq tirringrazzja b'mod speċjali lil dawk il-persuni li jiffurmaw il-Kunsill, għax-xogħol u l-ħin li jagħtu b'mod volontarju biex il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex tkun tista' timxi 'l quddiem.

Il-grazzi tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex tmur ukoll:

- lill-Prim Ministru u d-diversi Ministri li kellna kuntatt magħhom matul is-sena u li dejjem sabu ħin u taw widen għall-proposti u s-suġġerimenti mressqa mill-Kamra, u lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar l-Onorevoli Perit Clint Camilleri;
- lill-Membri Parlamentari kollha Għawdxin;
- lill-isponsors tal-Kamra, il-*Bank of Valletta* u *Melita plc*;
- lil Joe Cordina, l-Awditur tal-Kamra;
- lil John Borg, Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex;
- lil Ronald Sultana, Direttur, fid-Direttorat tat-Turiżmu u Żvilupp Ekonomiku;
- lil Mario Borg, Kap Eżekuttiv, tal-Awtorita' għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Għawdex
- lill-istaff kollu tal-Kamra għax-xogħol siewi li jagħmlu;
- kif ukoll lill-membri tal-Kamra għall-kooperazzjoni tagħhom u l-fiduċja li juru fina.



Daniel Borg
Kap Eżekuttiv Principali
Kamra tan-Negozju għal Għawdex



Joseph Borg
President
Kamra tan-Negozju għal Għawdex

THE GOZO BUSINESS CHAMBER

www.gozobusinesschamber.org